MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2953/2002

**Frank Borda Limited**

**vs**

**Vincent u Elizabeth McIntyre**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u sittin lira u dsatax-il centezmu (Lm161.19), rapprezentanti kwantu ghal mija u sitta u hamsin lira u dsatax-il centezmu (Lm156.19) bilanc ta' prezz fuq Gala Washing machine lilhom mibjugha u konsenjata u kwantu ghal hames liri (Lm5) bhala spejjez ta' ittra legali.**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fit-18 ta' Marzu, 2003 fejn is-socjeta' attrici rriduciet it-talba ghal mija u sitta u erbghin lira u dsatax-il centezmu (Lm146.19).**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fil-31 ta' Ottubru, 2003 fejn is-socjeta' attrici rriduciet it-talba ghal mija u wiehed liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm101.19)**

**Ra wkoll in-nota tas-socjeta' attrici li biha cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenut Vincent McIntyre izda zammet ferm fil-konfront tal-konvenuta Elizabeth McIntyre.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Claudine Zarb ghas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont bilancjali kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' Vincent McIntyre, qed jilqa' t-talba attrici fil-konfront ta' Elizabeth McIntyre, peress illi din tinsab sodisafacentement pruvata u jikkundanna lill-konvenuta Elizabeth McIntyre thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed liri u dsatax- il centezmu (Lm101.19)**

**In vista tac-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez tal-konvenut Vincent McIntyre ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici, filwaqt li l-ispejjez l-ohra ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta Elizabeth McIntyre.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------